CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65

L-Erbgħa, 23 ta' Mejju 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.10pm.

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

65.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

65.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tlieta u Sittin Laqgħa u Erba' u Sittin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

65.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hekk kif qed isiru xogħolijiet fuq ir-railings il-ġodda mid-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali fuq is-sit tat-Tomba f'Howard Gardens, huwa kellem lil Perit Stephen Pulis rigward il-possibilita' li dawn ix-xogħolijiet jitkomplew anke biex jinbidlu dawk li jinsabu fit-telgħa li twassal għal bieb tal-Imtarfa. Bħala direttorat għandom ituna risposta.

65.3.2 Is-Sindku tkellem fuq il-kwistjoni li għaddejja bħalissa mal-CRPD fejn dawn qed jinsistu li għandu jitwaħħal lift fuq it-tarag tas-sur biex tagħti aċċess għal belveder għal dawk li jsofru min xi forma ta'dizabilita'. Huwa qal li fil-passat kienu diġa' ġew irrifjutati żewġ applikazzjonijiet li ġew sottomessi lill-MEPA mill-Valletta Rehabilitation Project fuq dan ir-rigward u ma jarax li hi flessibbli lanqas li jitwaħħlu rampi għal dan il-għan. Sadanittant huwa ġie nfurmat li l-Ministeru għal Xogholijiet, Trasport u Proġetti Kapitali qed iħejji pjanti ġodda biex jintbgħatu għal kunsiderazzjoni tal-CRPD.

65.3.3 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li dalwaqt ser tinħareġ il-*compliance certificate* b'konnessjoni mat-tinda taż-żwiemel. Sadanitant huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitqabbad persuna biex inaddaf is-*cesspit* taż-żwiemel.

65.3.4 Is-Sindku qal li ħassu sodisfatt bir-rispons tan-nies li ġew għall-attivita' annwali tal-Medieval Mdina li ħabtet ukoll l-għaxar anniversarju. Huwa sostna li l-ispejjeż kull sena qed jogħlew u jekk mhux ser jiżdied id-dħul permezz ta' allokazjonijiet mill-Gvern, entitajiet u sponsors privati, ser ikun diffiċli li din l-attivita' ssir kull sena u jkun ħasra jekk jiġri hekk.

65.3.5 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinxtraw żewg bibien tal-kaxxi tad-dawl peress li dawn insterqu minn xi toroq.

**65.4 Skema tal-Planning Authority- Sebbaħ Il-Lokal**

65.4.1 L-Awtorita' tal-Ippjanar nediet inizjattiva ġdida bl-isem Sebbaħ Il-Lokal għal dawk il-lokalitajiet li kellhom inqas minn € 100,000 allokati fi ħdan id-Development Planning Fund.

Minn dan il-fond il-Kunsill jista' jibbenefika sa € 50,000 għal proġetti biex spazji pubbliċi miftuħa jiġu msebbħa.

Il-Kunsill iddeċieda li japplika ma' l-Awtorita' biex tissebbaħ l-area ta' madwar il-playground kif ukoll l-apparat li hemm inkluż fiħ. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jibda bil-preparamenti u jagħmel laqgħa ma' l-Awtorita' biex naraw dan il-proġett propost jistax jifforma parti minn din l-iskema.

**65.5**

**Ingaġġ ta' Skrivan Part-Time Scala 15**

65.5.1

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li s-Sur Norbert Agius aċċetta li jieħu dan l-impjieg wara li kien ġie magħżul mill-Kunsill waqt l-interviews li kienu saru nhar il-11 ta' April 2018. Huwa ser jipprepara d-dokumenti meħtieġa biex is-Sur Agius ikun jista' jibda l-impjieg tiegħu mill-1 ta' Ġunju 2018.

**65.6**

**Rapporti, Ilmenti u Ordnijiet tal-Ġurnata**

65.6.1

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li rċieva email mill-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin ta' Dongcheng (China) fejn ġejna mistiedna biex nattendu għas-Sitt Edizjoni tal-International Brand Festival li ser issir bejn id-19 u l-21 ta' Settembru ġewwa Dongcheng bħala parti mill-ftehim li kien sar ta' Memorandum of Understanding bejn iż-żewġ lokalitajiet. Il-Kunsill aċċetta din l-istedina.

65.6.2

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li l-proposta tagħna għal sponsorship lill-Malta Tourism Authority b'rabta mal-Medieval Mdina ma ġietx milqugħa mill-Bord u għaldaqstant jidher li din is-sena bejn il-finanzi mgħotija mill-Gvern Ċentrali, sponsorships u dħul ieħor mhux ser ikunu biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż li jkunu saru din is-sena fuq din l-attivita'.

65.6.3

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill lid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex tkun tista' ssir Bye-Law minħabba l-inkonvenjenza tat-tjur tad-drones fuq l-Imdina ma ġietx aċċettata peress li din il-materja hija regolata mis-Civil Aviation Directorate u għaldaqstant ma hix fil-kompetenza tal-Kunsilli Lokali.

65.6.4

Talba għan- *No Objection* b'rabta mal-festi tal-Corpus Domine u San Pietru u San Pawl nhar it-3 ta' Ġunju 2018 u it-28 ta' Ġunju 2018 ġewwa l-Imdina mill-Arcipriet tal-Kattidral.

Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni la darba ma jiġux mneħħija il-vetturi mit-toroq ġewwa l-Imdina minn fejn tkun ser tgħaddi l-purċissjoni.

**65.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

65.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tad-23 ta' Mejju 2018(mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 29,088.00

65.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Alfred Barbaro Sant li kien issekondat mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**65.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

65.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fl-4.35pm u ġiet aġġornata għal 20 ta' Gunju 2018 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 20-06-2018_______